# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 291/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Stacey Spiteri**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stacey Spiteri ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2018 li bih talbet lil din il-Qorti jogħġobha tvarja u **tbiddel** is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti billi tiddikjara li m'għandhiex titqieghed fis-seħħ is-sentenza tat-3 ta' Frar, 2018 u minflok tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta fil-konfront tal-appellanta;

Rat ghalhekk is-sentenza lamentata igifieri dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara d-denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation bid-data tas-27 ta' Ġunju, 2018 li biha sabet lid-denunzjata Stacey Spiteri ħatja li naqset li toqgħod għall-ħtiġijiet tal-ordni ta' probation mogħti fit-3 ta'

Frar, 2018 u trattat mal-istess Stacey Spiteri għar-reati li tagħhom instabet ħatja fit-3 ta' Frar, 2018 daqs li kieku għadha kemm kienet dikjarata ħatja u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' ħtija kif irriżulta minn dik l-imsemmija sentenza, kkundannatha għal tlett snin priġunerija;

Rat l-imputazzjonijiet originarjament dedotti kontra l-appellanta, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'xi ħin nhar il-31 ta' Jannar, 2018 minn ġewwa Triq Balbi Marsa:

1. Ikkommettiet serq ta' portmoney u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' Charmaine Formosa u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont ma' jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

U aktar akkużata talli f'xi ħin nhar l ta' Frar, 2018 minn ġewwa Stephen Court Block E, Flat 1 Triq is-Snajja, Msida:

2. Ikkomettiet serq ta' flus kontanti għad-detriment ta' Louis Charles Tommy Goudin u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok, liema ammont jeċċedi is-somma ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2018 dwar dawn l-imputazzjonijiet li biha l-Qorti, fuq ammissjoni sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħditha taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mogħti kontestwalment

inkluż dik li tibda u tkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li fit-3 ta' Frar, 2018, l-appellanta tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet riportati supra. Fuq ammissjoni l-Qorti sabitha hatja u applikat fil-konfront taghha sentenza komunitarja. Gara, izda, li l-Ufficcjal tal-Probation assenjata biex tissorvelja lill-appellanta intavolat denunzja kontra taghha quddiem l-istess Qorti li prolatat is-sentenza komunitarja u dik il-Qorti erogat il-piena li deherilha li kellha tkun kominata fis-sentenza tat-3 ta' Frar, 2018;

2. L-appellanta issa tillanja dik is-sentenza bl-aggravju li l-ewwel Qorti "ma messitx ġabet fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija u dana għaliex hija ma kinitx qed toqgħod għall-ordnijiet tal-uffiċjal tal-probation għax dak iż-żmien il-problema tad-droga kienet ħakmitha serjament". Inoltre hija sussegwentement uriet rimors u xtaqet li tegħleb dan il-vizzju.

3. Ghal korrettezza, l-ewwel Qorti ma gabitx fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija kif erronjament indikat l-appellanta ghaliex l-ewwel Qorti erogat dik il-piena li kellha tinghata fl-ewwel sentenza daqs li kieku kienet misjuba hatja fid-data tas-sentenza dwar id-denunzja;

4. Ventilat dan, ikkunsidrat illi din il-Qorti semgħet diversi xhieda kemm minn naħa tal-probation services u kif ukoll tal-Caritas. Dawn xehdu bis-sinċerita' kollha u jekk kien hemm relapse semmewha u jekk kien hemm punti tajbin spjegawhom fid-detall ukoll. Il-fehma ġenerali hi li l-appellanti għamlet minn kollox biex tieqaf mill-vizzju u saħansitra kienet qed tattendi *evening course* regolari. Sal-aħħar seduta quddiem din il-Qorti kien jonqosha biss ftit żmien biex tkompli dan il-programm. Sinjal ieħor tajjeb hu li l-appellanti sabet xogħol *part time* u qed tistinka biex issib xogħol full time. Wara li l-Qorti rat l-ahhar rapport tal-Ufficjal tal-Probation intavolat fis-27 ta' Jannar 2020, tlett ijiem qabel id-data prevvista ghall-prolazzjoni tas-sentenza, l-istess prolazzjoni kienet sospiza sabiex il-partijiet jiehdu konjizzjoni ta' dan ir-rapport;

5. Illi dan l-ahhar rapport jikkonsolida l-andament pozittiv muri mill-appellanta minn wara s-sentenza tat-3 ta' Frar, 2018. Dik is-sentenza li biha l-appellanta kienet kkundannata ghal-tlett snin prigunerija jidher li kienet il-movent ewlieni li nebbah lill-appellanta li hemm zewg toroq biss x'tista tghazel. Jidher li ghazlet it-triq ta' riabilitazzjoni skond rapporti u xhieda kostanti in rigward. Jidher illi z-zmien hadem favur l-appellanta ghaliex mill-ewwel appuntament ta' dan l-appell f'Lulju 2018 sal-lum din il-Qorti assistiet ghall-rovexxjament totali mill-konkluzzjonijiet precedenti tal-Ufficcjal tal-Probation li wasluha ghad-decizzjoni difficli taghha li tiddenunzja lill-appellanta ghal dawk tal-lum li tara fiha persuna mibdula;

6. Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tistrieh fuq id-dianjosi professjonali tal-Ufficcjal tal-Probation u tal-professjonisti kollha li xehedu f'dan l-appell. Izzid ma' dan billi tikkonsidra ukoll dak li qalet il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet u cioe' li

f'dan l-istadju aħjar tibqa' taħt il-*probation officer* milli tkun ikkundannata għall-priġunerija effettiva;

7. Ikkunsidrat ukoll illi ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti sakemm ma jkunx dimostrat li ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Qieset ukoll illi d-decizzjoni tal-ewwel Qorti kienet wahda korretta fic-cirkostanzi fejn prezentata b'persuna li ma tridx tgharaf izzomm fuq in-naha t-tajba tat-triq minkejja l-ghajnuna kollha tal-professjonisti ghad-disposizzjoni taghha. Madanakollu, jidher li hawn si tratta ta' persuna ta' eta' relattivament zghira li finalment gharfet tibda miexja fit-triq it-tajba u ghalhekk ma tridx li ttellef din l-opportunita' lill-appellanta li wara kollox ikun ta' gwadann ukoll ghas-socjeta' b'mod generali li terga' tilqa' fi hdanha persuna riformata;

8. Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi eccezjonali sabiex din il-Qorti tilqa' dan l-appell u ghalhekk ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-27 ta' Ġunju, 2018 billi filwaqt li **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabitha ħatja tal-ksur tal-*probation order* qed **tbiddilha** fejn kienet ikkundannat lill-appellanti għal perjodu ta' priġunerija ta' tliet snin u minflok qed tordna li l-appellanta tħallas ammenda ta' mitt Ewro (€100) kif ukoll li tkompli tobdi l-ordni tal-probation li kienet oriġinarjament mogħtija fit-3 ta' Frar, 2018 mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti qed twiddeb lill-appellanti biex toqgħod attenta li ma tikser ebda kundizzjoni tal-ordni tal-probation.